# IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI

... LEJN ID-‘DEĊIŻJONIJIET 2’

## RAPPORT TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI DWAR IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI

**Dan ir-rapport għadu mhuwiex uffiċjali**

**21 ta’ Frar 2017**

Jekk għandek xi punt li tixtieq tgħaddilna fuq ir-rapport, iktbilna fuq kunsilltalmalti@gov.mt

# KELMTEJN TAL-BIDU

Dan huwa r-rapport tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti fuq il-kitba tal-kliem mill-Ingliż li huwa bbażat fuq il-ħidma u l-konsultazzjoni li saru mill-Kumitat maħtur mill-Kunsill biex jistudja u jagħmel il-proposti tiegħu dwar il-kitba ta' dan il-kliem fil-Malti.

F'isem il-membri tal-Kumitat fiż-żewġ fażijiet tiegħu[1], nirringrazzja lill-Kunsill tal-fiduċja li wera fina. Nirringrazzja b'mod speċjali lil dawk kollha li qasmu magħna l-fehma tagħhom fil-proċess twil u intensiv ta' konsultazzjoni.[2] Qisna l-fehma ta' kulħadd imma, minħabba n-natura tas-suġġett li kellna quddiemna, ma kienx hemm soluzzjoni waħda ideali u għalhekk kellna ninsġu flimkien sensiela ta' kompromessi li kemm jista' jkun jirrispettaw is-serjetà akkademika u l-konsistenza, ir-regoli stabbiliti tal-kitba Maltija u li, fl-istess ħin, jirriflettu l-aspirazzjonijiet popolari murija min-nies.

Il-membri kollha tal-Kumitat jistħoqqilhom il-gratitudni u l-apprezzament tagħna. Minkejja l-impenji professjonali tagħhom, huma sabu l-ħin biex jistudjaw il-problemi involuti u jiltaqgħu flimkien biex jiżnu l-fehmiet kollha li waslulna ħalli janalizzawhom u jaslu għar-rakkomandazzjonijiet tagħhom miġbura f'dan ir-rapport.

Ħajr speċjali jistħoqqlu Dr George Farrugia, li kien is-Segretarju tal-Kumitat fiż-żewġ fażijiet tiegħu. Huwa ġabar bir-reqqa l-materjal kollu diskuss u għaġnu flimkien f'test li serva bħala bażi għal dan ir-rapport. Ħajr ukoll lill-Prof. Manwel Mifsud li kellu sehem kruċjali fit-tħejjija tat-test. Dan ir-rapport kien iffinalizzat minn Dr George Farrugia u minni, bħala Kap tal-Kumitat, mal-Prof. Ray Fabri, il-President tal-Kunsill, u s-Sur Thomas Pace, id-Direttur tal-Kunsill, fid-dawl ukoll ta' dak li ħareġ mit-tieni seminar pubbliku, l-aħħar fażi ta' konsultazzjoni pubblika u l-aħħar laqgħat tal-Kumitat u l-Kunsill.

Ir-rapport jinqasam fi tliet partijiet: il-**Parti A** tiġbor fiha l-punti ewlenin fil-qosor. Dawn, fil-prattika, huma r-rakkomandazzjonijiet tagħna dwar il-kitba tal-kliem mill-Ingliż. Kull punt għandu warajh ir-referenza għat-taqsima tiegħu f'**Parti B** li hija r-rapport proprju f'aktar dettall. Fl-aħħar, fil-**Parti Ċ**, nippreżentaw il-qofol tar-rakkomandazzjonijiet tagħna b'mod imqassar ħafna f'rappreżentazzjoni skematika bl-aktar punti ġenerali.

Prof. Albert Borg
Il-21 ta' Frar 2017

---

[1] Kif jidher fid-dokument *Kronoloġija* mqassam fis-seminar pubbliku organizzat mill-Kunsill tal-Malti fit-18 ta' Ġunju 2016, li kopja tiegħu (pdf) tinsab ukoll minn hawn, il-Kumitat l-ewwel kellu funzjoni konsultattiva mbagħad waħda teknika, u l-kompożizzjoni tiegħu nbidlet, għalkemm mhux kompletament, biex tirrifletti dan. L-ismijiet tal-membri kollha taż-żewġ kumitati jidhru fl-istess dokument.

[2] Kif jidher fid-dokument *Kronoloġija*. Ara wkoll il-punt 2.3 ta' dan ir-rapport.

## PARTI A: IL-PUNTI EWLENIN FIL-QOSOR

1. Qabel ma wieħed juża kelma missellfa, l-aktar fil-kitba, jiżgura ruħu li ma jkunx hemm diġà kelma stabbilita fil-Malti li taqdih tajjeb għall-istess tifsira, eż. 'biljett' jew 'ċitazzjoni' flok 'ticket', 'nieda' jew 'vara' flok 'illonċja'. (**1.1 u 1.2**)

2. Mhux kull kelma li mal-ewwel daqqa t'għajn tidhrilna żejda, bilfors tkun hekk, eż. 'date' (appuntament romantiku) u 'data' (tal-kalendarju jew diġitali) 'tiċċettja' (fuq l-internet) u 'titħaddet'/'tparla' (bil-fomm) **(1.3)**

3. Il-kriterju ewlieni li bih niddeċiedu jekk kelma daħlitx jew le għandu jkun l-użu mifrux u l-ħtieġa tagħha fil-Malti. **(1.4)**

4. Kelma missellfa mill-Ingliż jista' jkollha aktar minn pronunzja waħda fil-Malti. Jekk il-kittieb jagħżel li jiktibha la Maltija, din il-varjabilità għandha tkun irrispettata fil-kitba, eż. 'festival' jew 'festivil', 'kantin' jew 'kentin', 'maniġer' jew 'meniġer'.

   Il-kittieb għandu jkollu l-libertà jagħżel dik l-alternattiva li tesprimi bl-aħjar mod il-preferenza lingwistika tiegħu waqt li jżomm il-konsistenza fil-forma li jagħżel. **(1.5 u 1.6)**

5. Kull kelma missellfa mill-Ingliż li daħlet fil-Malti u qagħdet għar-regoli morfoloġiċi tiegħu għandha tkompli tinkiteb la Maltija, ngħidu aħna, **nomi:** 'kitla – ktieli', 'sors – sorsi', 'brejk – brejkijiet' (tal-karozza); **verbi:** 'fajjar – fajjarna – tfajjar – ifajru', 'startja – startjajna – tistartja – tistartjaw'; **aġġettivi/parteċipji:** 'iggaraxxjat/a/i'. Wieħed jinnota li hawn għandna forom differenti <u>tal-istess</u> nom jew <u>tal-istess</u> verb jew <u>tal-istess</u> aġġettiv/parteċipju.

   Għalhekk, ir-raġuni għaliex wieħed jikteb nom bħal 'brejk' la Maltija mhijiex għax juża l-verb korrispondenti 'ibbrejkja – jibbrejkja' (derivazzjoni) imma għax il-plural tan-nom huwa adattat morfoloġikament: 'brejk<u>ijiet'</u> (inflessjoni). **(5.1)**

6. Tajjeb li tingħata preferenza lill-plural integrat ta' nomi missellfa, bħal 'ċippa – ċipep' (plural miksur), 'ċans – ċansijiet' ('–ijiet'), 'briksa – briksiet' ('–iet'), 'sors – sorsi' ('–i') u għalhekk fil-kitba tintuża l-forma Maltija tas-singular u l-plural tagħhom b'konsistenza. **(5.1)**

7. Għall-iskop ta' dawn ir-regoli, il-plural missellef mill-Ingliż '–s' m'għandux jitqies awtomatikament bħala kriterju tal-integrazzjoni, għaliex inkella jiġri li l-biċċa l-

kbira tan-nomi li wieħed juża fl-Ingliż ikun jista' jqishom integrati fil-Malti bis-saħħa tiegħu. **(5.2)**

**8.** Meta l-kittieb iqis li xi nomi, li jieħdu biss is-suffiss tal-plural Ingliż '–s', ikunu ndraw fis-sura Maltija tagħhom u/jew ma jitbegħdux viżwalment mill-forma Ingliża, jista' jiktibhom la Maltija basta jwassal ħsiebu bl-aħjar mod u bl-inqas tfixkil għal min jaqra.

Għaldaqstant, filwaqt li l-kittieb jista' jagħżel li jikteb 'kompjuter/s' għax iqishom forom li ndraw la Maltija u lanqas ma jitbiegħdu viżwalment daqstant mill-forma Ingliża, jiddeċiedi li ma jiktibx 'tojlit/s' la Maltija għax iħoss li dawn il-forom ma ndrawx, jitbiegħdu mill-forma Ingliża u jdarrsu lil min jaqrahom. **(5.2)**

**9.** L-għażla bejn il-kitba la Maltija jew la Ingliża ta' kliem, l-aktar nomi, mhux adattat morfoloġikament issir minn min ikun jikteb minħabba li mhux il-kliem kollu jippresta ruħu ndaqs biex jinkiteb la Maltija basta, fil-każ tal-istess nom, tinżamm il-konsistenza fil-kitba tas-singular u l-plural tiegħu. Biex nieħdu eżempju, jista' jkollna dawn il-possibilitajiet:

**in-nom**: 'scan' – 'scans' jew 'skenn' – 'skenns'
'scanner' – 'scanners' jew 'skener' – 'skeners'
'scanning' jew 'skening'

**il-verb**: 'skennja', 'niskennja', 'skennjajt', eċċ.

**in-nom verbali**: 'skennjar'

**il-parteċipju passiv**: 'skennjat', 'skennjata', 'skennjati' **(5.3 u 5.4)**

**10.** Il-kliem kompost minn żewġ kelmiet għandu jitħalla miktub bl-Ingliż, eż. 'air conditioner' mhux ~~'erkondixiner'~~. **(5.5)**

**11.** Il-kliem miktub bl-Ingliż m'għandux ikun immarkat, imma biex nilqgħu għal xi diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal ta' età bikrija qed nirrakkomandaw li f'kuntest pedagoġiku u/jew f'testi mmirati għalihom, il-kliem li jitħalla la Ingliża jista' jkun immarkat bil-virgoletti, bil-korsiv jew skont kif jidhirlu l-aħjar l-awtur jew il-pubblikatur. **(5.6)**

**12.** Meta l-kittieb jiddeċiedi li jikteb kelma la Maltija, dan għandu jiktibha fonetikament kif tinstema' fil-Malti skont ir-regoli uffiċjali tal-ortografija Maltija, eż. 'kompjuter' mhux ~~'komputer'~~ jew ~~'compjuter'~~. **(6)**

**13.** Il-konjugazzjoni tal-verb missellef mill-Ingliż tinbena fuq iz-zokk. Xi verbi li z-zokk tagħhom fl-Ingliż jispiċċa b'ħoss konsonantali, min ikun jiktibhom bil-Malti jista'

jsibha bi tqila biex jiddeċiedi jekk qabel il-‘–ja’ finali toqgħodx konsonanti singla jew doppja. Għalhekk:

**Verbi** li z-zokk tagħhom huwa b’sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila, eż. ‘jillikja’, ‘jispidja’, u verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa bis-semivokali (W, J), indipendentement min-numru tas-sillabi u mit-tul tal-vokali taz-zokk tagħhom, eż. ‘slowja’, ‘sprejja’, jinkitbu dejjem b’konsonanti singla qabel it-tarf ‘–ja’. **(6.1b (i) u (ii))**

**14.** Bl-istess mod, **kliem ieħor** Ingliż, l-aktar nomi, b’sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila jekk jinkiteb la Maltija ma jinkitibx b’konsonanti mtennija fit-tarf, anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra, eż. ‘seat’ > ‘sit – sits’; ‘team’ > ‘tim – timijiet’. **(6.1b (iii))**

**15.** **Verbi** li z-zokk tagħhom huwa b’sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira, għajr il-verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa bis-semivokali (W, J), jinkitbu dejjem b’konsonanti mtennija qabel it-tarf ‘–ja’, eż. ‘[i]ċċekkja’, ‘iġġoggja’. **(6.1b(iv))**

**16.** Bl-istess mod, **kliem ieħor** Ingliż, l-aktar nomi, b’sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira jekk jinkiteb la Maltija jinkiteb b’konsonanti mtennija qabel it-tarf ‘–ja’, anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra, eż. ‘set’ > ‘sett – settijiet – issettja’; ‘blog’ > ‘blogg – bloggs – [i]bbloggja’; ‘bluff’ > ‘blaff – ibblaffja’. **(6.1b (v))**

**17.** F’każ li l-element miżjud ikun ‘–er’, ‘–ing’, ‘–is’, jekk jinkiteb la Maltija, il-konsonanti mtennija ssir singla, eż. ‘blogg’ imma ‘bloger’; ‘ibbukkja’ imma ‘buking’; ‘swiċċ’ imma ‘swiċis’. **(6.1b(v))**

**18.** **Verbi** li fil-Malti l-mamma tagħhom jista’ jkollha żewġ pronunzji differenti jistgħu jinkitbu b’żewġ modi differenti imma tajjeb li l-kittieb ikun konsistenti fl-għażla tiegħu, eż. ‘[i]ppanikja’/‘[i]ppanikkja’, ‘[i]bbaġitja’/‘[i]bbaġittja’, ‘[i]ppolixja’/‘[i]ppolixxja’. **(6.1b(vi))**

**19.** Il-kliem missellef mill-Ingliż miktub la Maltija li jifforma l-plural tiegħu biż-żieda ta’ *-s* f’tarf is-singular jibqa’ jinkiteb bl-‘s’ anke meta din tieħu l-ħoss ta’ ‘ż’, eż. ‘klabbs’, ‘bloggs’. **(6.2)**

**20.** L-element ‘ex’ jista’ jibqa’ jinkiteb ‘ex’ separat mill-kelma ta’ warajh, eż. ‘ex plejer’, ‘l-Ex President Joe Attard’, ‘ex prim ministru’, jew fonetikament ‘eks’ separat mill-kelma ta’ warajh, eż. ‘eks plejer’, ‘l-Eks President Joe Attard’, ‘eks prim ministru’.

Dan japplika wkoll meta l-element jintuża waħdu bħala nom, eż. 'Ried jevita li jkellem lill-ex/eks tiegħu.' **(6.3)**

**21.** Il-kelma 'extra', li meta tintuża bħala prefiss tingħaqad mal-kelma ta' warajha, għandha tinkiteb la Maltija biex tkun evitata l-kitba ta' żewġ sistemi differenti fl-istess kelma, eż. 'ekstrakurrikulari' (mhux ~~'extrakurrikulari'~~).

Meta l-kelma 'extra' tintuża waħedha bħala nom tista' tinkiteb la Ingliża jew la Maltija, eż. 'Applikajt bħala extra/ekstra għall-film li qed jinġibed Malta'. **(6.3)**

**22.** Meta quddiem nomi komuni mill-Ingliż li ma jinkitbux la Maltija, inkluż titli ta' persuni, tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, ortografikament din għandha tinkiteb ħaġa waħda man-nom jew mat-titlu:

eż. L-ispanner u l-iskateboard ma nistax insibhom.
L-Ispeaker Joe Borg kien ma jiflaħx.

F'każ li tinħass il-ħtieġa li dan il-kliem ikun immarkat minħabba l-istil tad-dokument li jkun se jidher fih, il-vokali tal-leħen għandha ssegwi l-istess stil tal-bqija tal-kelma mmarkata.

eż. **(a)** fil-virgoletti: L-'ispeaker' li xtara kien difettuż.
**(b)** bil-korsiv: L-*ispeaker* li xtara kien difettuż.
**(ċ)** bil-grassett: L-**ispeaker** li xtara kien difettuż. **(6.4)**

**23.** Fil-każ ta' nomi proprji mill-Ingliż (bħal ismijiet ta' pajjiżi jew postijiet, ditti, organizzazzjonijiet, programmi, eċċ.) li ma jinkitbux la Maltija u li magħhom tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, din tinkiteb żgħira u l-isem jinkiteb b'ittra kbira:

eż. l-iSprite, l-iStergene
l-iSky Mountains
l-iSplash and Fun

L-ismijiet xjentifiċi u l-ismijiet ta' pubblikazzjonijiet jinkitbu korsiv (ara d-*Deċiżjonijiet 1* (2.3 u 2.4)) u l-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira u bil-korsiv ukoll:

eż. Fl-*iSpanish Revolution*, ktieb li domt naqrah ġimagħtejn, qrajt li kienu mietu eluf ta' nies.
l-*iStreptococcus pneumoniae*

Meta jinkiteb bl-id, l-isem xjentifiku jintuża b'sing taħtu (eż. l-iStegosaurus ungulates) filwaqt li l-isem ta' pubblikazzjoni jinkiteb fil-virgoletti (eż. l-"iSpanish Revolution"). **(6.4)**

**24.** Quddiem kliem miktub mhux la Maltija niktbu l-artiklu (jew il-prepożizzjoni mal-artiklu) skont kif illissnu, jiġifieri skont il-kriterju fonetiku, eż. 'ix-show', 'iċ-chat', 'is-central heating', fix-shock absorbers, fil-Eurovision.

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi, eż. 'il-UNESCO', 'is-CMTU', 'l-RTK', 'fl-MUT', 'bl-SMS'. **(6.5)**

**25.** Wara kelma mill-Ingliż miktuba mhux la Maltija niktbu skont l-aħħar ittra tagħha, jiġifieri skont il-kriterju viżiv. Għall-fini ta' din ir-regola l-ittra 'y' titqies bħala konsonanti:

eż. Biex jipprattikaw il-waterpolo jridu jitħarrġu kuljum.
It-trolley il-qadim aħjar tarmih.
Melbourne llum hija waħda mill-akbar bliet tad-dinja.
Audrey ippreferiet li tibqa' d-dar.
Ir-Renault il-ġdida qed nibża' għaliha.
Is-Sur Le Roux ikollu jċedi postu fil-kumitat u s-Sinjorina Grzegorczyk illum se tidħol minfloku.

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi:

eż. Jekk il-BBC ikun jinstema' sew, nisma' l-aħbarijiet fuqu imma mbagħad narahom fuq ir-RAI wkoll. **(6.6)**

# PARTI B: IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI

Ir-rapport jinkludi dawn it-taqsimiet ewlenin:

1. Daħla
2. Il-qagħda s'issa
3. Il-possibilitajiet ikkunsidrati
4. L-evalwazzjoni tal-alternattivi
5. Lejn soluzzjoni raġunata
6. Il-kitba bil-Malti tal-kliem mill-Ingliż

## 1. DAĦLA

### 1.1 L-Ingliż jidħol biss meta l-Malti ma jaqdiniex

Fid-dinja globalizzata tal-lum, m'hemmx dubju li l-Ingliż huwa wieħed mill-aktar ilsna influwenti u jaffettwa kemm il-lingwi ż-żgħar kif ukoll il-kbar. Din l-influwenza tiegħu tagħfas fuq kull qasam tal-ħajja, imma tinħass b'mod speċjali fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija u oqsma speċjalizzati ġodda oħra.

Issa l-Malti, barra milli huwa lingwa żgħira u b'riżorsi limitati, kien espost għal kuntatt mal-Ingliż matul l-aħħar mitejn sena, kuntatt li kulma jmur dejjem baqa' jitqawwa. Għaldaqstant kien naturali li l-Malti jikber u jiżviluppa bis-self dirett mill-kuntatt mal-Ingliż kif fi żminijiet oħra kiber u stagħna mir-riżorsi tat-Taljan u qablu tal-Isqalli. Illum nistgħu ngħidu li huwa kbir l-għadd ta' kliem li daħal fil-Malti mill-Ingliż u li huwa tassew meħtieġ.

L-importanti hu li **qabel ma wieħed juża kelma missellfa jiżgura ruħu li ma jkunx hemm diġà kelma stabbilita fil-Malti li taqdih tajjeb għall-istess tifsira**, eż. 'biljett' jew 'ċitazzjoni' għal 'ticket', 'naħmi torta' għal 'nibbejkja torta'. Jista' wkoll jipprova jestendi t-tifsira ta' xi kelma li diġà teżisti, eż. 'leħħa' għal 'flashcard', jew anke jipprova jsawwar kelma mir-riżorsi lingwistiċi tal-Malti, eż. 'stessu' għal 'selfie' u 'sit (elettroniku)' għal 'website'.

### 1.2 Id-differenza fl-aċċettabilità bejn il-miktub u l-mitkellem

F'soċjetajiet li jħaddmu żewġ lingwi jew iżjed, huwa naturali li fit-taħdit ikun hemm l-indħil spiss ta' kliem u espressjonijiet minn lingwa waħda fl-oħra u bil-maqlub. Għalkemm idealment il-kelliem għandu jkollu l-ħila jfisser ruħu b'mod sħiħ b'kull

waħda miż-żewġ lingwi, normalment il-kliem barrani jdarras inqas fit-taħdit milli fil-kitba, fejn wieħed aktarx ikollu aktar ħin biex jiżen u jorqom l-istil tal-espressjoni tiegħu. Għalhekk ikun tajjeb li wieħed jagħmel din id-distinzjoni u, l-aktar fil-kitba, joqgħod b'seba' għajnejn biex ma jdeffisx kliem Ingliż bla bżonn, eż. 'nieda' jew 'vara' flok 'illonċja'.

## 1.3 Self żejjed u self meħtieġ

Wieħed irid iżomm f'moħħu li mhux kull kelma li mal-ewwel daqqa t'għajn tidhrilna żejda, bilfors tkun hekk. Spiss jiġri li ż-żewġ kelmiet, il-kelma stabbilita fil-Malti u l-kelma missellfa, ikunu qrib sewwa fit-tifsira imma kull waħda jkollha kuntesti li fihom tintuża hi u mhux l-oħra, u bil-maqlub. Kelma missellfa bħal din altru li ma tkunx żejda, anzi huwa bis-saħħa ta' kliem bħal dan li l-lingwa tistagħna u twessa' l-fruntieri tal-espressività tagħha, kif jidher f'dawn l-eżempji li ġejjin:

- 'body' (tal-karozza) vs 'ġisem'
- 'mouse' (tal-kompjuter) vs 'ġurdien'
- '[i]ssejvja' (programm/fajl tal-kompjuter) vs 'faddal'
- '[i]kklikkja' vs 'għafas'
- 'tiċċettja' (fuq l-internet) vs 'titħaddet'/'tparla' (bil-fomm)
- 'date' (appuntament romantiku) vs 'data' (tal-kalendarju jew informazzjoni diġitali)

Hemm ukoll każijiet fejn il-kelma Ingliża tkun meħtieġa għaliex tkun qiegħda tfisser esperjenza ġdida jew kunċett innovattiv, eż. '(tilbes) casual', '(kampjun) random'.

## 1.4 L-integrazzjoni lessikali hija determinanti – l-ortografija ssegwi

Il-kriterju ewlieni li bih niddeċiedu kelma daħlitx jew le għandu jkun l-użu mifrux u l-ħtieġa tagħha fil-Malti, kif tfisser fil-punt 1.3. Ladarba kelma tkun tissodisfa dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, l-ortografija trid tipprovdilha mod xieraq ta' kif għandha tinkiteb.

## 1.5 Il-varjabilità li toħroġ mill-idjolett tal-kelliem

Kull kelliem għandu ġabra ta' esperjenzi u kuntatti differenti minn dawk ta' kull kelliem ieħor, u dawn ikunu riflessi fl-espressjoni lingwistika tiegħu. Għalhekk mhux għaġeb li kelma jew espressjoni li jaċċetta kelliem, kelliem ieħor ikun għadu jqisha barranija. Lanqas huwa rari li kelma missellfa mill-Ingliż ikollha aktar minn pronunzja waħda.

Filwaqt li jista' jidher mixtieq li l-ortografija tfornina dejjem b'deċiżjoni waħda u uniformi għal kull każ, jekk isir hekk tkun qiegħda ssir vjolenza fuq din il-varjabilità lingwistika, ħaġa li tkun ta' ħsara għar-rikkezza tal-lingwa, eż. 'festival' jew 'festivil' għal 'festival'; 'kantin' jew 'kentin' għal 'canteen'; 'maniġer' jew 'meniġer' għal 'manager'. Dawn il-forom differenti tal-pronunzja huma aċċettabbli t-tnejn fil-kitba u min jagħżel li jikteb dan il-kliem la Maltija għandu jkun konxju minn din il-ħaġa u konsistenti fil-kitba tiegħu.

## 1.6 Lejn ortografija aktar matura – l-għażla f'idejn min jikteb

Għar-raġunijiet imfissra qabel, wieħed m'għandux jistagħġeb jekk jara li f'xi każijiet fejn teżisti din il-varjabilità, is-soluzzjoni mogħtija tkun tippermetti lill-kittieb l-għażla libera minn fost għadd ta' alternattivi. Dan jgħodd kemm għall-varjanti li għadna kemm semmejna fil-punt 1.5 kif ukoll għal xi għażliet oħra li se jissemmew aktar 'il quddiem f'dan ir-rapport. B'hekk il-kittieb ikollu l-libertà li jagħżel dik l-alternattiva li tesprimi bl-aħjar mod il-preferenza lingwistika tiegħu, waqt li kemm jista' jkun iżomm il-konsistenza.

# 2. IL-QAGĦDA S'ISSA

## 2.1 Il-qagħda uffiċjali

Skont ir-regoli tal-Malti li għandna bħalissa u li saru uffiċjali fl-1984 (ara *Żieda mat-Tagħrif* 1984, pp. 11-13), kelma barranija titqies bħala Maltija meta tkun aċċettata u użata mill-poplu. Bis-saħħa ta' dan għandha tibda tinkiteb fonetikament, jiġifieri kif tinstema'.

Dan ifisser li, skont din ir-regola tal-Akkademja tal-Malti li għandna sa qabel il-ħruġ tad-Deċiżjonijiet 2, mhux biss għandu jinkiteb la Maltija kliem bħal: 'skorja', 'gowl', 'vann', 'gass', 'garaxx', imma anke kliem bħal: 'aircraft carrier', 'bumper', 'snooker', 'high tension', 'air conditioner', 'hair dryer', 'jigsaw puzzle', 'eye shadow', 'cocktail', 'plumber', 'microwave', eċċ. suppost għandu jinkiteb 'erkraftkerjer', 'bamper', 'snuker', 'ħajtenxin', 'erkondixiner', 'ħerdrajer', 'ġiksopażil', 'ajxedow', 'koktejl', 'plamer', 'majkrowejv', eċċ.

## 2.2 Fil-prattika

Fil-prattika, il-problema li jippreżenta l-kliem Ingliż qed issib aktar minn tweġiba waħda:

- Hemm min, l-aktar f'xi gazzetti, jipprova jagħti dejjem sura Maltija lill-kelma Ingliża, u jikteb kliem bħal 'frikik', 'partajm', 'stejġ', 'kowċ', għal 'free-kick', 'part-time', 'stage', 'coach', eċċ. Dawn il-forom spiss ikunu fil-mira tal-kritika ta' min ma jogħġbuhx.

- Hemm min ikollu t-tendenza li jħalli kollox għaddej, fis-sens li kull kelma missellfa mill-Ingliż iħalliha bil-kitba oriġinali, kultant mingħajr l-ebda indikazzjoni.

  eż. Bħalissa għandna l-geyser u l-fridge bil-ħsara.

- Hemm min jikteb ċertu kliem la Maltija iżda kliem ieħor iħallih bl-Ingliż, eż. 'cooker', 'geyser' imma 'kompjuter', 'friġġ'.

- Hemm min, fl-istess kelma juża sistema mħallta billi jżomm kull parti bl-ortografija tagħha.

  eż. It-<u>teamijiet</u> Maltin sejrin tajjeb din is-sena.

  Qed ibigħu l-<u>jeansijiet</u> bl-irħis.

- Ma jonqsux ukoll kitbiet li nistgħu nsejħulhom difettużi, fis-sens li, filwaqt li jidher li l-kittieb ikun jixtieq jikteb il-kelma kollha la Maltija, ma jirnexxilux jinqata' għalkollox mill-kitba Ingliża, u jispiċċa jikteb b'ortografija li la tista' tgħidilha Maltija u lanqas ma ssejħilha Ingliża, kif jidher f'din il-lista:

  (a) 'xatter' għal 'shutter' (miktuba b''t' doppja minflok b''t' waħda kif tinħass)
  (b) 'downuts' għal 'doughnuts' (miktuba bil-vokali 'u' minflok bil-vokali 'a')
  (ċ) 'komputer' għal 'computer' (miktuba mingħajr il-konsonanti 'j')

## 2.3 Il-ħtieġa ta' deċiżjoni

Din l-inkonsistenza li tiġi mill-użu ta' żewġ sistemi differenti fi ħdan kelma waħda ma tistax tkun ta' fejda għall-istabilità u l-iżvilupp tal-Malti miktub. Fil-fatt, nistgħu ngħidu li dawk li jiktbu bil-Malti, ewlenin fosthom l-istudenti, l-għalliema, l-awturi, it-tradutturi, il-ġurnalisti u l-pubblikaturi, ilhom juru t-tħassib tagħhom dwar dawn id-diverġenzi u wrew kemm-il darba x-xewqa li din il-problema tinstabilha soluzzjoni xierqa.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti wkoll ilu konxju minn din il-problema u sa mit-twaqqif tiegħu kien qegħidha bħala prijorità fost l-inċertezzi li kellhom jitnaqqsu. B'dan il-għan, fl-2008 organizza seminar nazzjonali li għalih attendew 300 ruħ, u dwar dan is-suġġett ippubblika dokument għad-diskussjoni bil-fehmiet ta' 35 ruħ minn diversi oqsma marbuta mal-kitba tal-Malti, bħal lingwisti, awturi, pubblikaturi, tradutturi u għalliema (ara: *Seminar fuq il-kliem ta' nisel Ingliż fil-Malti – Dokument għad-diskussjoni*, Innaqqsu l-Inċertezzi 2, Malta 2008).

Wara din l-inizjattiva, il-Kunsill waqqaf Kumitat apposta biex, f'żewġ fażijiet ta' ħidma, jiġbor u jiżen il-fehmiet imfissra f'dak is-seminar u jfittex soluzzjoni li, filwaqt li tkun aċċettabbli lingwistikament, tkun ukoll tirrispetta l-aspirazzjonijiet tal-pubbliku Malti. Għalhekk, minn żmien għal żmien il-Kumitat organizza laqgħat ta' konsultazzjoni, kemm formali kif ukoll informali, ma' gruppi speċjalizzati, bħal għalliema, pubblikaturi, tradutturi, qarrejja tal-provi u oħrajn, biex jisma' l-fehmiet u s-suġġerimenti tagħhom.

Meta l-Kumitat wasal lejn it-tmiem tal-ħidma tiegħu, bi ftehim mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, fit-18 ta' Ġunju 2016 organizza seminar nazzjonali ieħor (li xxandar ukoll dirett fuq l-internet bil-ħsieb li jilħaq lil kull min hu interessat fis-suġġett b'kull mezz) biex jagħti ħjiel tal-konklużjonijiet tiegħu u jagħti l-aħħar opportunità lill-pubbliku biex juri fehimtu. Dawk li attendew setgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom fis-sessjonijiet ta' diskussjoni li ġew organizzati waqt is-seminar. Dawk li ma setgħux jattendu, inklużi l-Maltin ta' barra, mhux biss setgħu jsegwu s-seminar direttament u l-filmat irrekordjat wara, talli ngħatatilhom ukoll l-opportunità biex jibagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-Kunsill elettronikament jew bil-posta tradizzjonali. Dan ir-rapport jikkunsidra wkoll il-fehmiet kollha espressi f'dan l-aħħar stadju ta' konsultazzjoni. Il-Kunsill sodisfatt ħafna bis-sehem attiv u bir-reazzjonijiet tal-parteċipanti kollha.

Messaġġ ċar u konsistenti li kien qed jirċievi l-Kunsill tal-Malti, kemm minn dawn il-laqgħat ta' konsultazzjoni kif ukoll mill-biċċa l-kbira tal-pubbliku fil-mezzi ta' komunikazzjoni, kien li wieħed għandu jevita forom ta' kitba li jitbiegħdu radikalment mill-kitba oriġinali għax jaħsdu lill-qarrej bid-dehra stramba tagħhom u jtellfuh fil-proċess tal-qari tiegħu. Dan fid-dawl tas-sitwazzjoni bilingwi attwali, li fiha parti kbira tan-nies hija familjari mal-lingwa Ingliża u qed tiltaqa' mal-kliem fil-forma ortografika Ingliża qabel ma jidħol fl-użu tal-Malti.

## 3. IL-POSSIBILITAJIET IKKUNSIDRATI

Il-kliem li jidħol fil-Malti mill-Ingliż **għax ikun tassew meħtieġ** isib ruħu fost il-kliem Malti li l-kitba tiegħu hija diġà stabbilita. Billi fil-kitba tal-Ingliż normalment hemm

distakk kbir bejn il-ħoss tal-kelma u l-kitba tagħha – distakk li huwa wisq iżgħar fil-każ tal-Malti – dan il-kliem jippreżenta sfida kbira biex jinfilsa ruħu fit-test Malti. Din l-isfida tikkomplika ruħha minħabba li l-biċċa l-kbira tal-Maltin qed jiltaqgħu ma' dan il-kliem fil-forma miktuba tiegħu fl-Ingliż ħafna qabel ma jidħol fil-Malti, ngħidu aħna minn fuq l-internet. B'hekk, il-kelma tkun laħqet indrat viżwalment u wieħed isibha bi tqila biex jaċċettaha f'xi sura differenti.

Meta kelma Ingliża tidħol fil-Malti, jidher li għandna tliet modi kif ninkorporawha fil-kitba Maltija. Hawnhekk se nagħtu fil-qosor il-punti favur u kontra kull mod, imbagħad l-aktar punti importanti se nelaborawhom fit-taqsima 4.

**(a) Il-kelma niktbuha bl-ortografija Maltija għalkollox skont kif jippronunzjawha l-Maltin**.

Eż. 'ċans', 'jott', 'ġins', 'ħelikopter', 'tajer', 'pajp', 'spaner', 'bonit', 'ġimm', 'kruż'.

- **PUNTI FAVUR**
  1. Il-Malti jibqa' jinkiteb b'sistema waħda.
  2. Ir-rabta bejn il-ħoss u l-kitba hija aktar diretta.
  3. Min jikteb ma jkollux għalfejn jieqaf jagħżel bejn sistema u oħra.
  4. Ikun aktar komdu min ma jafx bl-Ingliż, sew jekk Malti jew barrani.

- **PUNTI KONTRA**
  1. Din is-sistema tnaffar lill-qarrej tal-Malti li jaf bl-Ingliż.
  2. Sistema bħal din ittellef lil min ikun diġà jaf il-kelma bl-Ingliż fil-proċess tal-qari u l-kitba.
  3. Jinħolqu varjanti ortografiċi ġodda minħabba l-kliem Ingliż li fil-Malti ħa aktar minn pronunzja waħda (eż. 'kantin' jew 'kentin' għal 'canteen'; 'maniġer' jew 'meniġer' għal 'manager'; 'spaner' jew 'spener' għal 'spanner').
  4. Ħafna drabi tiċċajpar it-trasparenza tal-binja komposta tal-kelma jew tal-espressjoni Ingliża għal min jaf bl-Ingliż (eż. 'ħajapp' jew 'ħajap' għal 'high-up', 'ġekħemer' għal 'jack hammer', 'erkondixiner' għal 'air conditioner').

**(b) Il-kelma nħalluha bl-ortografija Ingliża għalkollox.**

Eż. 'chance', 'yacht', 'jeans', 'helicopter', 'tyre', 'pipe', 'spanner', 'bonnet', 'gym', 'cruise'.

- **PUNTI FAVUR**
  1. Il-kittieb jaqbad u jikteb il-kelma bl-Ingliż mingħajr ma jieqaf jaħseb kif se jiktibha bil-Malti.

2. Tkun xi tkun il-pronunzja tagħha fil-Malti, il-kelma Ingliża għandha dejjem kitba waħda diġà stabbilita.

- **PUNTI KONTRA**

1. Il-Malti ma jibqax jinkiteb b'sistema waħda kif ilu jinkiteb sa mit-twaqqif tas-sistema uffiċjali.
2. F'nofs kitba bil-Malti, il-qarrej isib kelma b'sistema ortografika differenti u din taf tfixklu hu u jaqra.
3. Il-kittieb jiġi dahru mal-ħajt meta jkollu jikteb kelma li tinfletti ruħha b'element Malti (se jikteb: 'pipeijiet', 'jissaveja l-file'?).
4. Min mhux familjari mal-Ingliż, sew jekk Malti jew barrani, se tiżdiedlu diffikultà oħra: il-ħtieġa li jkun jaf jikteb u jaqra bl-Ingliż.
5. Din is-sistema tista' tħajjar l-użu indiskriminat ta' kliem Ingliż li ma jkunx meħtieġ għax fil-Malti diġà jkollna alternattiva tajba għalih. Dan il-fatt jgħodd aktar fl-ambjent edukattiv fost studenti li jkunu għadhom qed jiksbu l-għarfien tal-vokabolarju tal-lingwa nattiva.

**(ċ) Fil-kitba tal-Malti nħalltu ż-żewġ sistemi, il-Maltija u l-Ingliża, kemm (i) bejn kelma u oħra, kif ukoll (ii) fi ħdan kelma waħda.**

(i) bejn kelma u oħra, jiġifieri billi jinkiteb la Maltija l-kliem Ingliż li ndara jinkiteb la Maltija u/jew jista' jinkiteb la Maltija bla diffikultà: il-bqija jibqa' jinkiteb la Ingliża ('ċans', 'jott', 'jeans', 'ħelikopter'/'helicopter', 'tyre'/'tajer', 'pipe'/'pajp', 'spanner', 'bonnet', 'gym', 'cruise').

- **PUNTI FAVUR**

1. Din is-sistema tippermettilek tagħmel distinzjoni bejn kelma li dwarha hemm qbil u kelma oħra li dwarha m'hemmx.

- **PUNTI KONTRA**

1. B'din is-sistema jkun hemm bżonn ta' lista stabbilita ta' kliem Ingliż li jinkiteb la Maltija. Lista bħal din ma tantx hi prattika għax il-kittieb irid joqgħod jiftakarha jew jikkonsultaha kull darba.
2. Lista bħal din trid tibqa' tkun aġġornata regolarment.
3. Minħabba li fl-aċċettazzjoni ta' kelma bħala Maltija jidħol element qawwi ta' soġġettività, lista waħda tista' tkun diskriminatorja.
4. Min mhux familjari mal-Ingliż, ikunx Malti jew barrani, se tiżdiedlu diffikultà oħra: il-ħtieġa li jkun jaf jikteb u jaqra l-kelma bl-Ingliż.

(ii) fi ħdan kelma waħda, jiġifieri billi f'kelma waħda jitħalltu ż-żewġ sistemi flimkien (jistrikeja, tixshootja, chanceijiet)

- **PUNTI FAVUR**
    1. Iz-zokk tal-kelma Ingliża jibqa' jingħaraf immedjatament.

- **PUNTI KONTRA**
    1. L-interpretazzjoni tal-istess ħoss (konsonanti jew vokali) b'żewġ sistemi differenti f'kelma waħda hija ta' tfixkil kemm għall-kittieb kif ukoll għall-qarrej. Ngħidu aħna, fil-kelma miktuba 'teamijiet' is-sekwenza 'ea' u l-ittra 'i' qed jagħtu l-istess ħoss.
    2. Mhux ċar għandniex nirduppjaw l-aħħar konsonanti taz-zokk jew le f'xi każijiet (eż. 'jiġjack(k)ja', 'jiċcheck(k)ja').
    3. Min mhux familjari mal-Ingliż, sew jekk ikun Malti jew barrani, se tiżdiedlu diffikultà oħra: il-ħtieġa li jkun jaf jikteb u jaqra bl-Ingliż.

## 4. L-EVALWAZZJONI TAL-ALTERNATTIVI

Hawnhekk se nqisu u niżnu l-aktar punti importanti ta' kull waħda mit-tliet alternattivi msemmija fit-taqsima 3.

### (a) Il-kelma niktbuha bl-ortografija Maltija għalkollox skont kif jippronunzjawha l-Maltin.

Żgur li m'hemmx sistema aħjar minn waħda li tibqa' dejjem konsistenti mar-regoli tagħha stess. Għaldaqstant, din l-għażla tista' tkun bażi tajba għas-soluzzjoni. Kliem bħal 'ċans', 'kitla', 'xelter', 'film', 'strajk', eċċ. jinfilsa ruħu tajjeb fil-kitba Maltija, imqar meta jkun ikkonjugat (eż. 'jiċċansjaw', '$^{i}$ffilmjati', 'strajkjajtu'), anke għaliex il-Malti kien diġà dara jilqa' fi ħdanu kliem mit-Taljan li integra tajjeb bħal '$^{i}$ċċattja', '$^{i}$kkarga', 'indurati'.

Iżda, meta niġu għal kliem Ingliż **(i)** kompost minn żewġ kelmiet, bħal 'windscreen', 'shock absorber', 'fire extinguisher' (li miktub la Maltija jiġi 'windskrin', 'xokebżorber', 'fajerekstingwixer'), jew **(ii)** kliem li fih l-ortografija titbiegħed sew mill-pronunzja tiegħu, bħal 'audition', 'pageant', 'wrap' (li miktub la Maltija jiġi 'odixin', 'peġint', 'repp') is-sitwazzjoni ma tibqax daqshekk sempliċi. F'każijiet bħal dawn il-qarrej/kittieb jidher li jirreżisti d-dehra ta' dan il-kliem miktub b'sura Maltija.

Diffikultà oħra hija li l-pronunzja tal-istess kelma Ingliża spiss tvarja skont l-esperjenzi differenti tal-kelliema. Dan naturalment jista' jwassal għal kitbiet differenti (varjanti) tal-istess kelma, eż. 'ċampjin'/'ċempjin', 'maniġer'/'meniġer', 'kantin'/'kentin'.

**(b) Il-kelma nħalluha bl-ortografija Ingliża għalkollox.**

Jekk il-kliem missellef kollu jkollna nħalluh fl-ortografija oriġinali tiegħu, ikollna l-vantaġġ li l-kelma Ingliża tingħaraf mal-ewwel daqqa t'għajn, għalkemm dan huwa vantaġġ għal min jaf jaqra l-Ingliż imma żvantaġġ għal min (Malti jew barrani) qed jaqra u jikteb bil-Malti u ma jafx bl-Ingliż.

Vantaġġ ieħor ta' soluzzjoni bħal din hu li l-kitba tkun diġà stabbilita u, jippronunzjaha kif jippronunzjaha, il-kelma kulħadd se jiktibha bl-istess mod, apparti l-varjazzjoni fil-kitba li jista' jkollha fl-Ingliż stess, eż. 'doughnut'/'donut'; 'cheque'/'check'; 'yogurt'/'yoghurt'/'yoghourt'.

Mill-banda l-oħra, dan jirriżulta f'sistema mħallta li fiha:

i. ikun hemm ittri jew sekwenzi ta' ittri barranin għas-sistema Maltija (eż. 'c' f''captain', 'y' f''yoyo', 'ck' f''jack', 'th' f''toothpaste', 'ee' f''teenager', 'sh' f''shock', 'tch' fi 'switch', eċċ.);

ii. ħafna mill-ittri tal-alfabett, barra mill-valuri stabbiliti tagħhom fil-Malti, jitgħabbew b'għadd ta' ħsejjes oħra jew saħansitra jitilfu leħinhom (eż. l-ittra 'j' issa jibda jkollha wkoll il-valur tal-'ġ' Maltija [dʒ] ('jeans', 'job'); l-ittra 'x' issa jibda jkollha wkoll il-valur ta' [ks] ('extra', 'taxi', 'ex'); l-ittra 'a' jibda jkollha wkoll il-valur ta' [ɛj] ('tape'), [ɛ] ('m<u>a</u>nager'), [ɪ] ('man<u>a</u>ger')). Xi drabi xi ittri saħansitra jitilfu l-ħoss tagħhom (eż. il-'w' f''<u>w</u>rap' u '<u>w</u>restling', il-'k' f''<u>k</u>nockout', eċċ.);

iii. l-istess ħoss jibda jinkiteb daqqa b'ittra u daqqa b'oħra (eż. il-ħoss [dʒ] se jibda jinkiteb 'ġ' fi kliem bħal 'ġilda', 'siġar' u 'ġonna'; jew 'j' inkella 'g' fi kliem miktub la Ingliża bħal '<u>j</u>umper' u 'mana<u>g</u>er'; il-ħoss [ʃ] se jibda jinkiteb 'x' fi kliem bħal 'xiber', 'kixef' u 'xeraq', u 'sh', 'si', 'ti' jew 'ci' fi kliem miktub la Ingliża bħal '<u>sh</u>ock absorber', 'divi<u>si</u>on', 'audi<u>ti</u>on', 'techni<u>ci</u>an').

M'għandniex xi ngħidu, soluzzjoni bħal din tagħmilha prattikament impossibbli biex il-kliem, l-aktar il-verbi, jintegra meta jinfletti (eż. hu jiġjack(k)ja l-karozza, jissaveja d-dokument, jikcoachja t-tfal).

Dan jista' jwassal għal kollass tal-kodiċi ortografika stabbilita sa mill-bidu tal-kitba uffiċjali tal-Malti.

**(ċ) Fil-kitba tal-Malti nħalltu ż-żewġ sistemi, il-Maltija u l-Ingliża.**

Ma' din is-sistema jaqblu bosta għaliex jagħmel sens li kliem li ilu żmien meqjus parti mil-lingwa jieħu sura Maltija filwaqt li kliem li daħal m'ilux mill-Ingliż jibqa' jinkiteb la Ingliża. Hemm ukoll kliem li daħal reċentement li l-forma tiegħu

toqgħod bla diffikultà għas-sura ortografika Maltija. Din għall-ewwel tista’ tidher soluzzjoni ideali li tieħu l-aħjar taż-żewġ proposti l-oħra, (a) u (b).

Madankollu, kien ikun hekk kieku l-kelliema tal-Malti jaqblu lkoll perfettament fuq liema kliem daħal fil-Malti u liema le. Imma, minħabba għadd ta’ fatturi bħalma huma: il-forma partikolari tal-kelma, l-età u l-livell kulturali tal-individwu, u l-familjarità tiegħu mal-Ingliż fl-oqsma partikolari, kulħadd ikollu l-intwizzjoni u l-fehma tiegħu dwar din id-distinzjoni. Minħabba f’hekk, b’din il-proposta jkun meħtieġ li tinħareġ lista uffiċjali tal-kliem li jitqies bħala parti mill-vokabolarju Malti u li għalhekk irid jinkiteb la Maltija. M’għandniex xi ngħidu, lista bħal din ma tistax tirrifletti l-għażliet ta’ kulħadd imma xorta wieħed ikollu jimxi magħha. Mhux biss, imma – minħabba fatturi bħaż-żieda fil-livell tal-għarfien tal-Ingliż u l-iżviluppi lessikali f’tant oqsma ġodda – din il-lista tkun trid tibqa’ tiġi aġġornata minn żmien għal żmien.

## 5. LEJN SOLUZZJONI RAĠUNATA

Ladarba l-ebda waħda mill-proposti msemmija hawn fuq ma tipprovdi waħedha soluzzjoni sħiħa għal din l-isfida, ikun għaqli li nfittxu s-soluzzjoni f’kompromess li – sa fejn ikun possibbli – jieħu l-aħjar ta’ kull waħda.

### 5.1 Kliem li adatta ruħu għall-grammatika Maltija

Il-kliem li qagħad għall-grammatika tal-Malti jibqa’ jinkiteb la Maltija. Dan ifisser li kull kelma mill-Ingliż li daħlet fil-Malti u qagħdet għar-regoli morfoloġiċi tiegħu għandha tkompli tinkiteb la Maltija, ngħidu aħna, **nomi:** ‘kitla – ktieli’, ‘sors – sorsi’, ‘brejk – brejkijiet’ (tal-karozza); **verbi:** ‘fajjar – fajjarna – tfajjar – ifajru’, ‘startja – startjajna – tistartja – tistartjaw’; **aġġettivi/parteċipji:** ‘[i]ggaraxxjat/a/i’. Wieħed jinnota li hawn għandna forom differenti tal-istess nom jew tal-istess verb jew tal-istess aġġettiv/parteċipju, jiġifieri għandna relazzjoni inflettiva fi ħdan in-nom, il-verb jew l-aġġettiv/parteċipju. Madankollu, ara wkoll il-punt 5.2 għan-nomi li jieħdu s-suffiss tal-plural ‘–s’.

Għalhekk, ir-raġuni għaliex wieħed jikteb nom bħal ‘brejk’ la Maltija mhijiex għax juża l-verb korrispondenti ‘[i]bbrejkja – jibbrejkja’ imma għax il-plural tan-nom huwa adattat morfoloġikament (brejkijiet). Ir-relazzjoni derivattiva m’għandhiex tkun il-kriterju tal-kitba la Maltija. Il-firda bejn in-nom u l-verb hija importanti għax inkella jkollna każijiet fejn il-verb adattat jinkiteb la Maltija imma n-nom korrispondenti li jkun jidher stramb miktub la Maltija ma nkunux nistgħu neskluduh u jkollu jinkiteb bilfors la Maltija wkoll, eż. ‘[i]ċċarġja l-batterija’ – ‘iċ-ċarġ (charge) tal-batterija wasal biex jispiċċa’; ‘[i]ħħekkja s-sistema’ – ‘il-ħeker (hacker) intbagħat il-ħabs’.

Tajjeb li tingħata preferenza lill-plural integrat ta' nomi missellfa, bħal 'ċippa – ċipep' (plural miksur), 'ċans – ċansijiet', 'tim – timijiet' ('–ijiet'), 'briksa – briksiet' ('–iet'), 'riżorsa – riżorsi', 'sors – sorsi' ('–i') u għalhekk fil-kitba tintuża l-forma Maltija tas-singular u l-plural tagħhom b'konsistenza.

Għandna xi verbi adattati morfoloġikament li jikkorrispondu ma' nomi (oriġinarjament) proprji. Dawn ukoll għandhom jinkitbu la Maltija filwaqt li n-nom proprju jibqa' jinkiteb bl-Ingliż, eż. 'tittwitja' imma 'Twitter', 'niskajpja' imma 'Skype' u '[i]ggugiljajt' imma 'Google'.

Jeżistu wkoll xi każijiet limitati ta' nomi proprji li minnhom jitnisslu aġġettivi. F'każijiet bħal dawn, il-kitba tal-aġġettiv issegwi d-drawwa diġà stabbilita fejn iż-żieda grammatikali biss tinkiteb la Maltija, eż. 'Shakespearjan', 'Marxist', 'Stricklandjan', 'Ghanjan' u 'Curaçaojan'.

Għandna wkoll ftit nomi li l-plural tagħhom huwa adattat morfoloġikament u għalhekk jinkiteb biss la Maltija, eż. 'xorzijiet', 'ġinsijiet' u 'bwiez', imma l-forma la Maltija tagħhom fis-singular titbiegħed ħafna viżwalment mill-forma Ingliża u ddarras lil bosta ('xorz', 'ġins' u 'buz'). F'dawn il-ftit każijiet wieħed jista' jiddeċiedi li jħalli s-singular miktub ukoll la Ingliża ('shorts', 'jeans' u 'boots').

## 5.2 Il-plural missellef mill-Ingliż '–s'

Il-plural missellef mill-Ingliż '–s' illum jista' jitqies bħala wieħed mill-plurali tal-Malti ladarba hemm kliem Malti li ma jiħux ħliefu (eż. 'films', 'drinks'). Madankollu, dan il-plural m'għandux jitqies awtomatikament bħala kriterju tal-integrazzjoni, għaliex inkella jiġri li bis-saħħa tiegħu l-biċċa l-kbira tan-nomi li wieħed juża fl-Ingliż ikun jista' jqishom integrati fil-Malti. Jiġifieri, kliem bħal 'computer' u 'toilet' m'għandux jinkiteb bil-Malti sempliċiment bis-saħħa tal-plural '–s' tiegħu. Iżda meta l-kittieb iqis li xi nomi bħal dawn ikunu ndraw fis-sura Maltija tagħhom u/jew ma jitbegħdux viżwalment mill-forma Ingliża, jista' jiktibhom la Maltija.

Għaldaqstant, filwaqt li l-kittieb jista' jagħżel li jikteb 'kompjuter/s' għax iqishom forom li ndraw la Maltija u lanqas ma jitbiegħdu viżwalment daqstant mill-forma Ingliża, jiddeċiedi li ma jiktibx 'tojlit/s' la Maltija għax iħoss li dawn il-forom ma ndrawx, jitbiegħdu mill-forma Ingliża u jdarrsu lil min jaqrahom.[3] Il-kittieb huwa

[3] Kliem missellef mill-Ingliż (anke jekk finalment mhux ta' nisel Ingliż), li għandu xi sing jew xi sinjal dijakritiku li ma jintużax fil-Malti, u li se jitħalla miktub fil-forma oriġinali, għandu jinkiteb kif niktbuh fl-Ingliż, eż.'vis-à-vis', 'crêpe', 'pâté', 'frappé', 'née', 'raison d'être', eċċ.

mħajjar jagħżel dejjem il-forma ortografika, Maltija jew Ingliża, li fil-fehma tiegħu twassal ħsiebu bl-aħjar mod u bl-inqas tfixkil għal min jaqra.[4]

## 5.3 Kliem li ma adattax ruħu għall-grammatika Maltija

Fil-każ tal-kliem, l-aktar nomi, li ma qagħadx għall-grammatika tal-Malti, il-kittieb għandu għażla bejn li jiktbu la Maltija jew la Ingliża għaliex mhux il-kliem kollu jippresta ruħu indaqs biex jinkiteb la Maltija. Filwaqt li xi nomi lill-qarrej ma jdarrsuhx meta jinkitbu la Maltija, tant li wħud minnhom ilhom li daħlu f'din is-sura, eż. 'ħelikopter' (helicopter) u 'kamera' (camera), oħrajn joħolqu reżistenza għax idejqu u jtellfu kemm lill-kittieb kif ukoll lill-qarrej, eż. 'junjin'/'unjin' (union), 'ċeting' (chatting), 'tajer' (tyre), 'ħoki' (hockey), 'wiski' (whisky), 'fawndejxin' (foundation), 'rowbot' (robot), slowgan (slogan) u 'ajsing' (icing). Terġa', din il-varjazzjoni hija soġġetta wkoll għal differenzi minn individwu għal ieħor għax tvarja skont il-livell tal-edukazzjoni, l-età u l-influwenzi kulturali. F'każijiet bħal dawn il-kittieb għandu jħossu ħieles li jagħżel b'mod responsabbli l-kitba li tidhirlu l-aħjar fil-każ speċifiku filwaqt li jżomm il-konsistenza fl-għażla tiegħu.[5]

Tajjeb niġbdu l-attenzjoni li maż-żmien xi kliem mill-Ingliż, bħal 'kompjuter', 'plejer' u 'alkoħol', li mhux adattat morfoloġikament fil-Malti, aktarx indara miktub la Maltija u tkun ħaġa tajba li jibqa' jinkiteb hekk. Fost dan il-kliem hemm ukoll xi eċċezzjonijiet ta' nomi komposti bħal 'futbol' u 'folklor'. Fil-laqgħat u s-seminars ta' konsultazzjoni mal-pubbliku ħarġet ċara x-xewqa li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti joffri xi tip ta' gwida fil-każ ta' dan it-tip ta' kliem. Għalhekk, fis-sit tal-Kunsill (www.kunsilltalmalti.gov.mt) wieħed isib lista ta' kliem bħal dan. Il-lista tista' tkun aġġornata mill-Kunsill meta tinħass il-ħtieġa.

## 5.4 Il-konsistenza

F'dan kollu, importanti li fl-istess test tinżamm il-konsistenza fil-kitba tal-istess nom billi s-singular u l-plural jinkitbu t-tnejn la Maltija jew it-tnejn la Ingliża:

[4] Fuq talba li ħarġet mis-seminars pubbliċi li l-Kunsill tal-Malti organizza fuq is-suġġett, fit-taqsima tal-Ħoloq Pronti tas-sit elettroniku tiegħu (www.kunsilltalmalti.gov.mt) issib lista ta' kliem li ma adattax għall-grammatika tal-Malti (kif spjegat fit-taqsimiet 5.1 u 5.2) u li aktarx indara miktub la Maltija.

[5] Fl-eżamijiet, l-eżaminaturi għandhom ikunu konxji minn dan il-fatt u jaċċettaw iż-żewġ sistemi dment li tinżamm il-konsistenza mill-istudent/a fi ħdan l-istess kelma. Bl-istess mod, l-awturi u l-qarrejja tal-provi għandhom japplikaw il-kriterju tal-konsistenza.

Eż. Minħabba klejm qarrieqa l-kumpanija ttardjat fl-ipproċessar tal-klejms l-oħra.

JEW

Minħabba claim qarrieqa l-kumpanija ttardjat fl-ipproċessar tal-claims l-oħra.

F'każijiet bħal dawn il-kittieb għandu juża jew 'klejm' – 'klejms' jew 'claim' – 'claims'.

**Nota 1**

Għalhekk, biex nieħdu eżempju ieħor, mill-istess zokk jista' jkollna:

**in-nom**: 'scan' – 'scans' / 'skenn' – 'skenns',
'scanner' – 'scanners' / 'skener' – 'skeners'
'scanning' / 'skening'
**il-verb**: 'skennja', 'niskennja', 'skennjajt', eċċ.
**in-nom verbali**: 'skennjar'
**il-parteċipju passiv**: 'skennjat', 'skennjata', 'skennjati'

## 5.5 Il-kliem kompost

Il-kliem kompost minn żewġ kelmiet għandu jitħalla miktub bl-Ingliż, eż. 'air conditioner' mhux 'erkondixiner', 'fire extinguisher' mhux 'fajerekstingwixer', 'hairdresser' mhux 'ħerdreser', 'panel-beater' mhux 'penilbiter', 'part-timer' mhux 'partajmer', 'roundabout' mhux 'rawndebawt', 'shock absorber' mhux 'xokebżorber', 'windscreen' mhux 'windskrin', 'online' mhux 'onlajn', 'broadband' mhux 'brodbend'.

## 5.6 Il-qabża minn sistema għal oħra: nimmarkawha?

Minn dak li ntqal s'issa huwa ċar li f'test bil-Malti se jkunu qed jintużaw żewġ sistemi ortografiċi differenti, imqar fl-istess frażi jew sentenza. L-użu ta' żewġ sistemi flimkien bla distinzjoni jista' jgħaddi l-messaġġ lil min ikun jikteb li jista' jissellef bla bżonn, mal-iċken diffikultà. Għal din ir-raġuni, f'dan ir-rapport qed ninsistu li nissellfu l-kliem biss meta ma jkollniex kliem ieħor nattiv li jaqdina.

Il-Kumitat maħtur mill-Kunsill tal-Malti ħa ħsieb jeżamina din il-kwistjoni b'testijiet empiriċi u minnhom irriżulta li – għajr għat-tfal ta' età tassew żgħira – il-qarrejja ma tfixklux meta ltaqgħu ma' kliem missellef, miktub la Ingliża, li ma kienx immarkat, pereżempju, bil-virgoletti jew bil-korsiv. Ma' dan irridu nżidu wkoll is-sentiment mifrux li tfisser fil-konsultazzjoni pubblika li għamel il-Kunsill fejn ħareġ ċar li n-nies, b'mod ġenerali, jirreżistu dan it-tip ta' mmarkar.

Għalhekk, il-kliem miktub bl-Ingliż m'għandux ikun immarkat. Madankollu, biex nilqgħu għal xi diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal ta' età bikrija, qed nirrakkomandaw li f'kuntest pedagoġiku u/jew f'testi mmirati għalihom il-kliem li jitħalla la Ingliża jista' jkun immarkat skont kif jidhirlu l-aħjar l-awtur jew il-pubblikatur. Soluzzjoni oħra tista' tkun li tiġi mmarkata biss l-ewwel okkorrenza tal-kelma missellfa.

## 6. IL-KITBA BIL-MALTI TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ

Il-kitba la Maltija tal-kliem mill-Ingliż tista' tippreżenta xi diffikultajiet. Tant hu hekk li mhux l-ewwel darba li l-istess kelma nsibuha miktuba b'żewġ modi differenti jew iżjed.

Għaldaqstant, jekk il-kittieb ikun iddeċieda li kelma mill-Ingliż tkun tassew meħtieġa u jkun irid jiktibha la Maltija, jista' jirreferi għal dawn l-indikazzjonijiet li jistgħu jkunulu ta' fejda.

Qabelxejn, għandu jżomm f'moħħu dan il-prinċipju ewlieni: li l-kelma jiktibha fonetikament kif tinstema' fil-Malti. Dan qed jingħad għaliex il-qarrej Malti jista' jkun ikkondizzjonat ħafna mill-forma ortografika Ingliża u jibqa' marbut magħha. Għalhekk, ngħidu aħna, għal 'computer' għandna niktbu 'kompjuter' mhux ~~'komputer'~~ jew ~~'compjuter'~~.

Minħabba l-kitba fonetika wieħed jista' jinnota xi bidliet li jkollhom isiru fil-passaġġ għall-forma Maltija. Uħud minn dawn il-bidliet ma jippreżentaw l-ebda diffikultà għal min ikun jikteb bil-Malti filwaqt li oħrajn jistgħu jqajmu xi dubji fil-kitba. L-aktar prominenti fost dawn se jiġu indikati hawnhekk bil-ħsieb li tinżamm l-uniformità sa fejn huwa possibbli u xieraq.

### 6.1 Il-kitba taz-zokk

Il-verbi missellfa mill-Ingliż ikollhom mamma (x'għamel hu) li normalment tispiċċa bit-tarf '–ja' (eż. 'startja', 'ffilmja', 'xxuttja'). Il-konjugazzjoni tal-verb tinbena fuq iz-zokk. Iz-zokk nistgħu nqisuh bħala dak li jibqa' meta nneħħu ż-żidiet kollha minn mal-mamma.

(a) Il-konsonanti fil-bidu taz-zokk tal-verb

L-irduppjar tal-ewwel konsonanti ta' verb ta' nisel barrani huwa mifrux fil-Malti. Dan l-irduppjar, fl-imperfett huwa regolari minħabba l-prefissi (eż. *jippretendi,*

*nipprogramma*), imma f'xi każijiet fil-perfett hemm tendenza li jsir fakultattiv (eż. ‘huwa ppretenda’/‘pretenda’, ‘pprogramma’/‘programma’).

(b) Il-konsonanti fit-tarf taz-zokk tal-verb

Xi verbi li z-zokk tagħhom fl-Ingliż jispiċċa b'ħoss konsonantali, min ikun jiktibhom bil-Malti jista' jsibha bi tqila biex jiddeċiedi jekk qabel il-‘–ja’ finali toqgħodx konsonanti singla jew doppja.

Għalhekk:

i. Verbi li z-zokk tagħhom huwa b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila, eż. ‘jillikja’, ‘jispidja’, ‘jiffidja’, u

ii. Verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa bis-semivokali (W, J) independentement min-numru tas-sillabi u mit-tul tal-vokali taz-zokk tagħhom, eż. ‘slowja’, ‘sprejja’)

jinkitbu dejjem **b'konsonanti singla** qabel il-‘ja’.

Mela niktbu: ‘$^{i}$llikja’ (mhux ~~‘$^{i}$llikkja’~~) u ‘slowja’ (mhux ~~‘slowwja’~~), eċċ.

Bl-istess mod:

iii. Kliem ieħor mill-Ingliż, l-aktar nomi, b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila, jekk jinkiteb la Maltija, jinkiteb ukoll b'konsonanti singla. Jibqa' jinkiteb hekk ukoll anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra, eż. ‘seat’ > ‘sit – sits’; ‘team’ > ‘tim – timijiet’.

**Nota 2**

Hawn tajjeb infakkru r-**regola 9 taż-*Żieda mat-Tagħrif* (1984)** li tgħid li l-kliem li daħal mill-Ingliż, li fih il-vokali twal ‘i’ jew ‘u’, m'għandu qatt jinkiteb bil-konsonanti dgħajfin ‘j’ jew ‘w’ wara dawn il-vokali fl-istess sillaba. F'dan il-każ għandhom isegwu r-regoli normali tal-Malti, jiġifieri li biex niktbu s-sekwenzi ‘–ij–’ u ‘–uw–’ irid ikollna vokali warajhom.

Għaldaqstant, bħalma niktbu: ‘ġid’, ‘ħin’, ‘twil’, ‘qasir’, ‘inklina’, ‘stima’ u ‘komodina’ niktbu: ‘tim’, ‘diżil’, ‘ħiter’, ‘miter’, ‘giżer’, ‘skrinja’, ‘$^{i}$ffidja’, ‘skija’, eċċ. u bħalma niktbu: ‘ful’, ‘kul’, ‘maħbub’, ‘tmun’, ‘studja’ u ‘kutra’ niktbu: ‘skuter’, ‘snuker’, ‘kju’, ‘$^{i}$kkjuja’, ‘$^{i}$bbuja’, ‘$^{i}$bbujar’, ‘$^{i}$żżumja’/‘$^{i}$zzumja’, eċċ.

iv. Verbi li z-zokk tagħhom huwa b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira, għajr il-verbi msemmija f'6.1(b)ii, eż. 'ⁱċċekkja', 'ⁱppakkja', 'ⁱssettja', 'ⁱċċettja', 'ⁱbbukkja', 'ⁱbblaffja', 'ⁱttippja', 'ⁱġġoggja' u 'stokkja',

jinkitbu dejjem **b'konsonanti mtennija** qabel it-tarf '–ja'.

Ladarba kliem b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira (eż. 'minn', 'kull', 'qatt', 'rikk') u kliem ieħor b'sillaba finali magħluqa u aċċentata (eż. 'kulħadd', 'kuntatt', 'ingann') jinkiteb ukoll b'konsonanti mtennija (jew b'żewġ konsonanti differenti jew aktar, eż. 'kissirt', 'ma ħawwadtx', 'skart'), bl-istess mod:

v. Kliem ieħor mill-Ingliż, l-aktar nomi, b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira, jekk jinkiteb la Maltija, jinkiteb b'konsonanti mtennija anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra, ngħidu aħna:

- b'konsonanti mtennija: 'set' > 'sett', 'gas' > 'gass', 'lot' > 'lott', 'van' > 'vann', 'fan' > 'fann', 'skip' > 'skipp', 'cheque' > 'ċekk', 'block' > 'blokk', 'truck' > 'trakk', 'tip' > 'tipp';

- b'elementi miżjuda: 'vann' > 'vannijiet', 'blokk' > 'blokka', 'sett' > 'ⁱssettjat', 'gass' > 'gassijiet', 'xokk' > 'jixxokkja', 'tipp' > 'tipps' – 'ⁱttippja', 'blogg' > 'bloggs' – 'tibbloggja', 'scroll' > 'skroll' – 'skrollja'.

**Eċċezzjoni**:
Il-konsonanti mtennija ssir singla meta l-element miżjud ikun '–er', '–ing', '–is', eż. 'blo**gg**' imma 'blo**g**er'; 'ⁱħħe**kk**ja' imma 'ħe**k**er'; 'ⁱbbu**kk**ja' imma 'bu**k**ing', 'ⁱffla**xx**ja' imma 'fla**x**ing'; 'swi**ċċ**' imma 'swi**ċ**is'; 'fri**ġġ**' imma 'fri**ġ**is'; 'se**tt**' imma 'se**t**ing'.

**Nota 3**

Fil-Malti z-zokk tal-kelma jista' jidher f'aktar minn sura waħda fil-kliem imnissel minnu:

eż. Malti Semitiku: 'raħal/raħl–' ('raħal', 'raħli'); 'fisser/fissr–' ('fisser', 'fissru'), 'kiser/kisr–/ksir–' ('kiser', 'kisret', 'ksirna');

Malti Rumanz: 'divid–/diviż–' ('ⁱddivida', 'diviżjoni'); 'popol–/popl–' ('popolazzjoni', 'poplu').

Bl-istess mod, familja ta' kliem missellef mill-Ingliż tista' tkun irrappreżentata minn zokk li jkollu aktar minn sura waħda kif jidher fl-eżempji mogħtija qabel.

vi. Għandna wkoll verbi oħra, aktarx b'iżjed minn sillaba waħda, li z-zokk tagħhom fl-Ingliż jispiċċa wkoll b'ħoss konsonantali, eż. 'to panic', 'to budget' u 'to polish'. Dawn fil-Malti l-mamma tagħhom jista' jkollha żewġ pronunzji differenti skont il-kelliem.

Hemm min jitfa' l-aċċent tal-kelma fuq l-ewwel sillaba u allura z-zokk jinstema' b'konsonanti waħda fit-tarf:

Eż. ˈppanikja (jippanikja, nippanikjaw, ˈppanikjajtu)
ˈbbaġitja (jibbaġitja, jibbaġitjaw, ˈbbaġitjajna)
ˈppolixja (jippolixja, tippolixjaw, ˈppolixjajna)

Hemm min iwaqqa' l-aċċent fuq it-tieni sillaba u jqawwi l-ħoss tal-aħħar konsonanti:

Eż. ˈppanikkja (jippanikkja, nippanikkjaw, ˈppanikkjajtu)
ˈbbaġittja (jibbaġittja, jibbaġittjaw, ˈbbaġittjajna)
ˈppolixxja (jippolixxja, tippolixxjaw, ˈppolixxjajna)

F'każijiet bħal dawn jistgħu jinkitbu ż-żewġ varjanti imma tajjeb li l-kittieb ikun konsistenti fl-għażla tiegħu.

## 6.2 Il-plural '–s'

Xi kliem missellef mill-Ingliż jifforma l-plural tiegħu biż-żieda ta' '–s' f'tarf is-singular. (eż. 'film' – 'films', 'kompjuter' – 'kompjuters').

Din tibqa' tinkiteb '–s' anke meta tieħu l-ħoss ta' 'ż'.
(eż. 'klabbs' mhux ~~'klabbż'~~; 'bloggs' mhux ~~'bloggż'~~).

## 6.3 Il-kitba ta' 'ex' u 'extra'

L-element 'ex', fis-sens ta' xi ħadd li kien jokkupa xi kariga, professjoni jew pożizzjoni u issa m'għadux, fil-Malti jista':

i. jew jibqa' jinkiteb 'ex' separat mill-kelma ta' warajh,
eż. 'ex plejer', 'ex ministru', 'ex spettur', 'ex għalliema', 'ex prim ministru', 'l-Ex President Joe Attard', eċċ.

ii. jew jinkiteb fonetikament ‘eks’ separat mill-kelma ta’ warajh,
eż. ‘eks plejer’, ‘eks ministru’, ‘eks spettur’, ‘eks għalliema’, ‘eks prim ministru’, ‘l-Eks President Joe Attard’, eċċ.

Għalhekk, dan l-element jiżdied mal-lista ta’ disa’ elementi li jixbhu l-prefissi msemmija fil-punt 3.2.2.4 tad-*Deċiżjonijiet 1* li ma jingħaqdux mal-kelma ta’ warajhom, jiġifieri, ‘aġent’, ‘assistent’, ‘deputat’, ‘gran’, ‘kap’, ‘viċi’, ‘prim’, ‘sekond’ u ‘terz’.

Meta l-element ‘ex’ jintuża waħdu bħala nom jista’ jinkiteb ukoll ‘eks’, eż. ‘Ried jevita li jkellem lill-ex/eks tiegħu.’

Il-kelma ‘extra’, li meta tintuża bħala prefiss tingħaqad mal-kelma ta’ warajha (ara d-*Deċiżjonijiet 1* (3.2.2.1)), għandha tinkiteb la Maltija biex tkun evitata l-kitba ta’ żewġ sistemi differenti fl-istess kelma, eż. ‘ekstrakurrikulari’ (mhux ~~‘extrakurrikulari’~~).

Meta l-kelma ‘extra’ tintuża waħedha bħala nom tista’ tinkiteb la Ingliża jew la Maltija, eż. ‘Applikajt bħala extra/ekstra għall-film li qed jinġibed Malta’.

## 6.4 Il-kitba tal-vokali tal-leħen

Meta quddiem nomi komuni mill-Ingliż li ma jinkitbux la Maltija, inkluż titli ta’ persuni, tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, ortografikament din għandha tinkiteb ħaġa waħda man-nom jew mat-titlu:

eż. L-ispanner u l-iskateboard ma nistax insibhom.
L-Ispeaker Joe Borg kien ma jiflaħx.

F’każ li tinħass il-ħtieġa li dan il-kliem ikun immarkat minħabba l-istil tad-dokument li jkun se jidher fih, il-vokali tal-leħen għandha ssegwi l-istess stil tal-bqija tal-kelma mmarkata.

eż. **(a)** fil-virgoletti: L-‘ispeaker’ li xtara kien difettuż.
**(b)** bil-korsiv: L-*ispeaker* li xtara kien difettuż.
**(ċ)** bil-grassett: L-**ispeaker** li xtara kien difettuż.

Fil-każ ta’ nomi proprji (bħal ismijiet ta’ pajjiżi jew postijiet, ditti, organizzazzjonijiet, programmi, eċċ.) li ma jinkitbux la Maltija, il-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira u l-isem jinkiteb b’ittra kbira:

eż. l-iSprite, l-iStergene

l-iSky Mountains
l-iSplash and Fun
l-iSpice Girls

L-ismijiet xjentifiċi u l-ismijiet ta' pubblikazzjonijiet jinkitbu korsiv (ara d-*Deċiżjonijiet 1* (2.3 u 2.4)) u l-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira u bil-korsiv ukoll:

Eż.

Fl-*iSpanish Revolution*, ktieb li domt naqrah ġimagħtejn, qrajt li kienu mietu eluf ta' nies.

l-*iStreptococcus pneumoniae,* l-*iStaphylococcus aureus,* l-*iStephanotis floribunda*

Meta jinkiteb bl-id, l-isem xjentifiku jintuża b'sing taħtu (eż. l-iStegosaurus ungulates) filwaqt li l-isem ta' pubblikazzjoni jinkiteb fil-virgoletti (eż. l-"iSpanish Revolution").

## 6.5 Il-kitba tal-artiklu u l-prepożizzjonijiet quddiem kliem u taqsiriet bl-Ingliż

Quddiem kliem miktub mhux la Maltija niktbu l-artiklu (jew il-prepożizzjoni mal-artiklu) skont kif illissnu, jiġifieri **skont il-kriterju fonetiku**.

Eż.
'ix-show', 'iċ-chat', 'is-Celtic', 'ix-shuttle', 'iċ-chairperson', 'is-central heating', 'il-United', 'il-union'.

L-interpretazzjoni ta'/t'Albert tagħmel aktar sens.
Rajt 'il Yvonne imma 'l Eucharist ma rajtux.
B'cassette bħal dan m'int se tagħmel xejn.
Dan il-ħoss qisu ta' ħelikopter.
Fi/F'cubicle minnhom kien hemm żewġ interpreti.
Ma' dishwasher ġdid qed jagħtu sett platti.
Fit-triq kien hemm riħa ta'/t'exhaust taqsam.
Kelli l-ħsara fix-shock absorbers.
Tgħidx kemm kien jidher eleganti bil-blazer li kellu.
Fil-Eurovision ta' din is-sena kien hemm ħafna kanzunetti sbieħ.

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi

i. akronimi (taqsira li tinqara bħala kelma waħda): il-UNESCO, in-NASA, ir-RAI, il-WHO (meta tinqara bħall-kelma Ingliża "who");

ii. l-inizjaliżmi (taqsira li tinqara ittra ittra) id-WHO, is-CMTU, l-RTK, il-UĦM.

Eż.

B'GPS qadim m'aħniex se naslu fil-post li nixtiequ.
F'SMS minnhom qalli li ma tantx kien jiflaħ.
Qabbadt il-kompjuter ma' UPS ieħor.
Fl-istudju tagħha waslet sa/s'LSA.
Daħal membru fl-MUT.
Daħlu membri fil-GWU.
Bgħatt ir-rapport 'il-UĦM.
Ma tantx ħdimt bil-UPS li tajtni.
Dan il-filter hu ta'/t'a/c ta' karozza oħra
Bl-SMS li bagħtitli kompliet ħawditni.

## 6.6. Il-kitba wara kliem u taqsiriet bl-Ingliż

Is-sistema ortografika tal-Malti hija magħġuna minn bosta prinċipji differenti fosthom il-prinċipju fonetiku, fonoloġiku, etimoloġiku, morfoloġiku u l-prinċipju viżiv.

Il-prinċipju viżiv jintuża, fost l-oħrajn, meta niktbu l-artiklu mingħajr il-vokali tal-leħen wara kliem li jispiċċa 'għu' jew 'għi', pereżempju, 'jitilgħu t-taraġ', 'il-friegħi l-ġodda'.

Wara kliem bħal dan li ġej lanqas ma niktbu l-vokali tal-leħen minkejja li fit-taħdit insemmgħuha eż. 'nistgħu nkunu', 'nibqgħu nsibu', eċċ. Hekk ukoll niktbu 'jistgħu jkunu', 'jitilgħu wkoll', eċċ. minkejja li fil-bidu tal-kelma li tiġi wara, illissnu /ɪ/ u /ʊ/ rispettivament. F'dawn il-każijiet kollha ma nimxux mal-prinċipju fonetiku iżda mal-kitba tal-vokali li naraw fit-tarf tal-kelma li tiġi qabel.

Bl-istess prinċipju, għalhekk, wara kliem mill-Ingliż miktub mhux la Maltija niktbu skont l-aħħar ittra tiegħu, jiġifieri **skont il-kriterju viżiv**. Għall-fini ta' din ir-regola l-ittra 'y' titqies bħala konsonanti.

Eż.

Jekk jiġi Pawlu, il-brandy ikun aħjar iddaħħlu ġewwa.
Biex jipprattikaw il-waterpolo jridu jitħarrġu kuljum.
L-istudenti li ġew għal-lecture wrew ħeġġa kbira.
Il-mewġa qalbet id-dinghy ukoll.
It-trolley il-qadim aħjar tarmih.
Il-cassette l-ġdid qiegħed fil-kaxxa.
Il-pineapple 'l ħadd ma tagħmel ħsara.

It-threeply illum ma tantx għadu jintuża għal din l-għamara.
Melbourne llum hija waħda mill-akbar bliet tad-dinja.
Oħti u Charlene jmorru l-iskola flimkien.
Audrey ippreferiet li tibqa' d-dar.
Lil Laurent idejquh l-istejjer tal-biża'.
Simon 'il ħadd m'għaraf (kemm jekk ippronunzjata /sɪˈmɔ̃/, kif ukoll jekk ippronunzjata /ˈsɐjmɪn/).
Irene lbieraħ ma ġietx (kemm jekk ippronunzjata /ɐjˈriːn/ kif ukoll jekk ippronunzjata /ɪˈrɛːnɛ/).
Ir-Renault il-ġdida qed nibża' għaliha (kemm jekk ippronunzjata (rɛˈnolt) kif ukoll jekk ippronunzjata /rɛˈn ɔː/).
Meta morna l-Ingilterra żorna Beaulieu wkoll imma Lympne jkollna mmorru darb'oħra għax ma kellniex ħin biżżejjed.
Is-Sinjura Featherstonehaugh ilbieraħ ma ġietx u s-Sur Lescroart illum ma jiflaħx.
Is-Sur Le Roux ikollu jċedi postu fil-kumitat u s-Sinjorina Grzegorczyk illum se tidħol minfloku.

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi.

Eż.

In-NATO llum m'għadhiex forza b'saħħitha daqs qabel (kemm jekk ippronunzjata /ˈnɛjtɔw/ kif ukoll /ˈnɐːtɔ/).
Oħti daħlet membru fil-GWU lbieraħ u żewġha daħal membru fl-MUT/fil-MUT illum (kemm jekk MUT hija ppronunzjata ittra ittra kif ukoll jekk ippronunzjata bħala frażi, jiġifieri 'Malta Union of Teachers').
Jekk il-BBC ikun jinstema' sew, nisma' l-aħbarijiet fuqu imma mbagħad narahom fuq ir-RAI wkoll.
Niltaqgħu fil-5:00 pm illejla.
Int mhux fl-10:15 am ukoll kellek tiġi?

### 6.6.1 Il-ġustifikazzjoni għal din l-għażla

Mill-eżempji kollha mogħtija hawn fuq jidher ċar li għall-prattiċità, ikun aħjar jekk jintuża l-prinċipju viżiv. Dan minħabba li:

(i) dan il-prinċipju diġà jintuża b'mod frekwenti fir-regoli tal-ortografija Maltija (kif ġie spjegat fil-punt 6.6);
(ii) jeżistu ismijiet li jkollhom aktar minn pronunzja waħda;
(iii) jeżistu ismijiet li l-pronunzja tagħhom ma tkunx daqstant magħrufa;

(iv) ta’ spiss niltaqgħu ma’ akronimi jew abbrevjazzjonijiet li ma nkunux nafu kif illissnuhom (jew li nistgħu llissnuhom b’aktar minn mod wieħed), jiġifieri jekk hux ittra ittra, kelma sħiħa jew bħala frażi;

(v) dan il-prinċipju jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni ta’ ċekkjatur elettroniku.

Għaldaqstant, il-prinċipju viżiv joħloq uniformità ortografika u jnaqqas l-inċertezzi fil-kitba kemm għal min ikun qed jikteb kif ukoll għal min ikun qed jikkoreġi jew jitgħallem il-Malti.

# PARTI Ċ: RAPPREŻENTAZZJONI SKEMATIKA

Din it-tabella bl-aktar punti ġenerali għandha tittieħed fid-dawl tar-rapport kollu.

**A. Jekk kelma mill-Ingliż...**

**nista' nuża minflokha kelma oħra stabbilita fil-Malti li twassal l-istess kunċett tagħha fil-kuntest li jkun**

ma nużahiex

**neħtiegħa tassew fil-kuntest li jkun**

nużaha

**B. Jekk se nuża l-kelma mill-Ingliż...**

**inħalliha miktuba bl-Ingliż jekk:**

hija kelma komposta minn 2 kelmiet
eż. windscreen, shock absorber, fire extinguisher, roundabout

**niktibha bil-Malti skont ir-regoli stabbiliti tal-ortografija Maltija jekk:**

integrat fil-grammatika Maltija, jiġifieri,

**fil-każ tan-nomi** (għajr dawk bil-plural mill-Ingliż '–s' u minkejja verbi u aġġettivi/parteċipji korrispondenti): kitla – ktieli, sors – sorsi, brejk – brejkijiet (tal-karozza) u mhux minħabba l-verb korrispondenti [i]bbrejkja u l-aġġettiv/parteċipju [i]bbrejkjat

**fil-każ tal-verbi:** fajjar – fajjarna – tfajjar – ifajru, startja – startjajna – tistartja – tistartjaw

**fil-każ tal-aġġettivi/parteċipji:** iggaraxxjat/a/i

**għandi għażla, la Maltija jew la Ingliża:**

**fil-każ tan-nomi u l-aġġettivi/parteċipji** (dawk biss li mhumiex integrati fil-grammatika Maltija, u n-nomi li jieħdu l-plural mill-Ingliż ' –s'):

1. jekk il-forma miktuba tagħhom bil-Malti ma titbigħedx viżwalment mill-forma Ingliża, jistgħu jinkitbu la Maltija
   eż. ħelikopter, kamera, plastik, alkoħol
2. jekk il-forma miktuba tagħhom bil-Malti titbiegħed viżwalment mill-forma Ingliża, aħjar jitħallew miktubin bl-Ingliż
   eż. foundation ~~(fawndejxin)~~, shutter ~~(xater)~~, drapp plain ~~(plejn)~~

**Ċ. Jekk se nħalli l-kelma bl-Ingliż...**

**ma nimmarkahiex...**

fil-kitba u f'dokumenti/materjali elettroniċi u ppubblikati

**nista' nimmarkaha...**

f'kuntest pedagoġiku u/jew f'materjal maħsub għal tfal ta' età żgħira

## Kliem mill-Ingliż li ma adattax ruħu għall-grammatika Maltija

Fil-laqgħat u s-seminars ta' konsultazzjoni li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti organizza mal-pubbliku u ma' individwi minn oqsma differenti, bħall-edukaturi, it-tradutturi, il-qarrejja tal-provi, il-pubblikaturi, l-awturi u l-ġurnalisti, ħarġet ċara x-xewqa li l-Kunsill joffri xi tip ta' gwida għall-kitba tal-kliem li ma adattax għall-grammatika tal-Malti (kif spjegat fit-taqsimiet 5.1 u 5.2 tar-Rapport bid-Deċiżjonijiet 2 tal-Kunsill tal-Malti).

Din t'hawn taħt hija lista ta' kliem bħal dan li aktarx indara miktub la Maltija f'gazzetti, f'siti u f'pubblikazzjonijiet bil-Malti. Il-lista mhix tassattiva u tista' tkun aġġornata mill-Kunsill tal-Malti meta tinħass il-ħtieġa.

LISTA TA' KLIEM

| | | | |
|---|---|---|---|
| **alkoħol** | **kamera** | **kwizz/kwiżż** | **referì** |
| **baġit** | **kangarù** | **majka** | **rekord** |
| **esej** | **klabb** | **mekkanik** | **rispons** |
| **fajl** | **kolesterol** | **moniter** | **stokk** (finanzjarju) |
| **folklor** | **komik** | **mowbajl** | **tabù** |
| **futbol** | **kompjuter** | **piknik** | **tajer** |
| **gowl** | **konkrit** | **plastik** | **tarmak** |
| **grawnd** | **konvoj** | **plejer** | **telefown** |
| **ħelikopter** | **kuker** | **raxx** | **televixin** |